MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 403/2007

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

Versus

Paul Spiteri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Paul Spiteri (detentur tal-karta ta' identità 42060(G)) talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (~5.30p.m.) fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex:

(1) saq vettura PUL-120 b'manjera traskurata u perikoluża;

(2) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma' Andrew Saliba li kien

jaqsam it-triq u involontarjament ikkaġunalu offiżi ta' natura gravi; kif ukoll

(3) fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi bħala s-sewwieq tal-vettura msemmija, meta kien qed jersaq lejn post fejn it-triq kienet immarkata b'linji bojod paralleli u b'sinjali oħra biex juru post ta' qsim għall-użu tan-nies bil-pass, naqas li jieħu l-miżuri neċessarji indikati fir-Reg. 89(1) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Vetturi bil-Mutur u qasam il-passaġġ ta' xi nies bil-pass li kienu qed jużaw dan il-post ta' qsim.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u sebgħa (2007) li permezz tagħha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Spiteri ħati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti; ikkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100) [illum Ewro mitejn tnejn u tletin u tlieta u disgħin ċentezmu (€232.93)], kif ukoll skwalifikatu milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal pejodu ta' tlett (3) xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Paul Spiteri, minnu pprezentat fit-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007), li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimentivament ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partjiet fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-appellant għandu erba' aggravji, li huma:

(1) li t-tfajjel Andrew Saliba ta' għaxar (10) snin ma kienx fil-fatt qed jaqsam minn fuq l-istrixxi pedonali meta saret il-ħabta bejnu u bejn il-vettura misjuqa mill-istess appellant;

(2) li s-sewqan tiegħu ma kienx jammonta għal sewqan traskruat jew perikoluż;

(3) li ġaladarba l-Prosekuzzjoni ma talbitx fiċ-ċitazzjoni s-sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan, tali sospensjoni ma kellhiex tiġi mposta; u

(4) li fi kwalunkwe każ il-perjodu ta' tlett (3) xhur tas-sospensjoni kien eċċessiv.

Dana l-appell jirriżenta l-fieragħ. Il-provi juri kjarament li fil-ġurnata u fil-ħin indikati fiċ-ċitazjzoni, meta vettura misjuqa minn Josephine Dimech waqfet biex proprju tħalli lit-tfajjel Andrew Saliba (u tifla li kienet miegħu) jaqsmu minn fuq zebra crossing, l-appellant, b'manuvra skonsiljata għall-aħħar u b'nuqqas ta' attenzjoni kbira, issorpassa minn fuq il-lemin lil din Dimech u baqa' jsuq għal fuq l-istrixxi pedonali b'mod li tajjar lill-imsemmi Saliba. Dan kien sewqan, da parti ta' l-appellant, kemm traskurat kif ukoll perikoluż. Sewwieq li jara vettura wieqfa proprju quddiem strixxi pedonali għandu jintebaħ li hemm possibilità għolja li dak il-ħin ikun qed jaqsam xi ħadd minn fuq dawk l-istrixxi, u għalhekk għandu joqgħod aktar attent hu u jersaq lejn dawk l-istrixxi, u ċertament m'għandux jissorpassa bil-mod kif għamel l-appellant. Ma hemmx dubbju li t-tifel kien qed jaqsam korrettement minn fuq iż-zebra crossing, u dan it-tifel ma għamel assolutament xejn li seta' kkontribwixxa għas-sinistru – it-tort kien kollu ta' l-appellant.

Ġaladarba s-sewqan ta' l-appellant jikwalifika bħala perikoluż [art. 15(2) tal-Kap. 65] ma kienx hemm bżonn ta' talba da parti tal-Prosekuzzjoni għal biex ikun hemm is-sospensjoni; tali talba hi msemmija biss fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15 imsemmi.

Anqas ma hemm xejn eċċessiv fid-durata tas-sospensjoni, tenut anke kont tal-fatt li l-vittma ġarrab offiżi ta' natura gravi *per durata*.

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------